**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum 27 ta' Gunju 2016

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Ian Abdilla)**

**vs.**

**Graziella Debono**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Graziella Debono ta' 26 sena, bint missier mhux maghruf u Ludgarda Azzopardi nee Debono, imwielda Pieta fl-1 ta' Jannar 1977 u residenti 57, New Street, Msida u detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 38877(M).

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fi Frar 2002 u/jew f'xi data ohra qabel din id-data:

1. ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi b'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew

kellhom jipprovaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta' E. Abela u C. Bonnici u ta' persuni ohra fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta u aktar talli xjentement ghamilt uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe' cekkijiet tal-Bank of Valletta fuq akkont ta' Vestamonda u persuni ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi atti pubbliku tal-gvern u aktar talli ghamlet uzu mill-istess karti msemmija u dan bi ksur tal-Artiklu 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghlu jitwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' (Lm2612), bi hsara ghal Vestimoda, Bank of Valletta u persuni ohra u bi ksur tal-Artikolu 308, 309, 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Ikkommetiet serq ta' cekk book tal-Bank of Valletta mahruga lil Vestimoda Limited u dan ghad-detriment tal-Bank of Vallettaa, Vestimoda u persuni ohra bi ksur tal-Artikolu 261 u 268 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali a fol. 6 tal-process, sabiex din il-Qorti tisma' u taqta' din il-kawza bi procedura sommarja, u semghet lill-imputata tiddikjara li l-kawza tigi hekk mismugha u deciza.

Il-partijiet ghazlu li ma jaghmlux sottomissjonjiet orali jew bil-miktub.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

1. Fl-1 ta' April 2002, ufficjali tal-Pulizija tal-Vice Squad ghamlu tfittxija fil-vettura tal-imputata u sabu zewg cekkijiet tal-Bank of Valletta li japparjenti lill-kont tas-socjeta Vestimoda Ltd.
2. Minn investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija irrizulta li dawn ic-cekkiijiet kienu gejjin minn chequebook tal-Bank of Valletta li kien misruq minghand Vestimoda Ltd. Vestimoda Ltd. qatt ma talbet lill-Bank of Valletta jaghmel stop payment.
3. Sa Frar 2002, l-imputat kienet tahdem go ma azjenda bl-isem Denim li kienet fl-istess bini ta' Vestimoda Ltd.
4. Emanuel Abela u Eric Brimmer, diretturi tas-socjeta Vestimoda, kellhom l-awtorizzazzjoni li jiffirmaw cekkijiet f'isem is-socjeta.
5. B'kollox lahqu issarfu tminn (8) cekkijiet mic-chequebook misruq, erba' (4) minnhom gew imsarrfa f'isem l-imputata, wiehed f'isem Deemer Bezzina u t-tlieta l-ohra f'isem Martin Farrugia. Kollha kienu apparentement iffirmati minn Emanuel Abela u/jew Eric Brimmer ghas-socjeta Vestimoda Ltd.[1]
6. Deemer Bezzina allega li ic-cekk kienet tatulu l-imputata, u imliegh hu ghall-ammont ta' LM250.00, u wara li sarfu ta' lill-imputata Lm50 bhala sehemha. Bezzina tressaq il-Qorti u gie ikkundannat ghar-reati li ikkommetta.
7. Fl-istqarrija taghha, l-imputata qalet li c-cekkijiet ta' Vestmoda Ltd. kienet tathomlha certa persuna ohra, bl-isem Carlos li kien jahdem maghha id-Denim, u kellha biss dawk iz-zewg cekkijiet li sabulha fil-vettura il-Pulizija.
8. Fl-istqarrija taghha hija ammettiet li l-kitba fuq dawn iz-zewg cekkijiet li huma maghmulin favur taghha, u allegatament iffirmati mid-diretturi ta' Vestimoda Ltd. kienet taghha. Dawn iz-zewg cekkijiet huma ezebiti bhala Dok HDC2 u HDC3 wara fol. 19 tal-process.
9. Fl-istqarrija, l-imputata innegat li l-firem fuq ic-cekkijiet l-ohra kienu taghha.

[1] Ara fol. 46 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Ewwel Imputazzjoni*

Il-Qorti tibda biex tghid li fil-konsiderazzjonijiet taghha din il-Qorti, se tikkunsidra x-xhieda tal-komplici Deemer Bezzina, li ghalkemm m'ghandhiex bzonn korroborazzjoni, din il-Qorti sejra tikkunsidraha b'kawtela, ai termini tal-Artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali.

Bezzina xehed li kien iltaqa' mal-imputata u qaltlu li ghandha chequebook, u staqsietu jekk iridx cekk minnhom u jtiha LM50 minnhom. Hu accetta kiteb ic-cekk hu, u iffalsifika l-firma tad-direttur ta' Vestimoda Ltd, u wara li sarrfu ta' lill-imputata Lm50.00 kif kienu ftehmu. Hu qal li c-cekk li tatu gabitu minn gol-but. In kontro-ezami, huwa jghid li kien jaf lill-imputata ghax kien jaraha hdejn id-Detox Centre u accetta c-cekk ghax kien fit-triq tad-droga.

Wara li xehdu fit-tul, Saviour Micallef u Paul Gambina, manager u senior manager tal-Legal Office tal-Bank of Valletta, u Paul Gambina xehed li fl-opijoni tieghu il-firma tad-diretturi ta' Vestimoda Ltd. fuq ic-cekkijiet il-misruqa ma taqbilx mal-firma taghhom originali li giet ukoll ezebita.[2]

Fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2006, l-imputata debitament assistita mill-avukat difensur taghha irregistrat is-segwenti verbal: *"L-imputata qed tammetti li c-cekkijiet esebiti u mmarkati bhala Dok. HDC 2 u HDC3, imtlew minnha.*[3]

Fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2007,[4] gie registrat is-segwenti verbal:
*"Dr. Zrinzo ghall-imputata jaghmel riferenza ghac-check images a fol. 46 u 47 tal-process u jirreleva li Graziella Debono, l-imputata, tammetti li sarrfet ic-cheques numri 4560, 4565, 4566, 4575 liema cheques gew intestati lilha.*

*In rigward ic-cheques l-ohra li jidhru a fol. 46 u 47, u cioe cheque numbers 4554, 4556, 4567 u 4573 tichad li b'xi mod kellha xi konnessjoni mat-tehid jew mat-tisrif tal-istess.*

[2] Ara fol. 34 tal-process.
[3] Ara fol. 54 tal-process.
[4] Ara fol. 62 tal-process.

*Di piu, l-imputata tiddikjara illi hija disposta li tirrizarcixxi lil Vestimoda Ltd b'dawk l-ammonti minnha zbankati permezz ta' cheques li ghalihom saret riferenza u liema cheques huma ghal valur ta' erba mija u seba' u sittin Lira Maltija (Lm467)."*

F'dik l-istess seduta, il-Prosekuzzjoni iddikjarat li qed tghalaq il-provi.

Fis-seduta tat-28 t'Ottubru 2011,[5] gie registrat is-segwenti verbal: *"PL Peter Paul Zammit informa lill-Qorti li kien ser jassumi l-patrocinju tal-imputata u rriferixxa ghal verbal tal-5 ta' Dicembru 2007, fejn l-imputata ddikjarat li kienet lesta li tirrizalcixxi lil Vestimoda Limited is-somma ta' Lm467.00. Il-partijiet qed jiddikjaraw li dan l-ammont huwa skorrett u l-ammont li ghandu jigi mhallas huwa ta' LM517."*

Il-valur tac-cekkijiet imsarrfa mill-imputata kien ta' Lm467.00. Fil-verbal tas-seduta tat-28 ta' Ottubru 2011, il-partijiet ma taw l-ebda raguni ghalfejn qablu li l-ammont li kellu thallas l-imputata kellu jizdied b'Lm50.00 – ghal Lm517. L-unika konkluzjoni logika li tista' tasal ghaliha din il-Qorti hi li dan l-ammont ta' Lm50.00 jirrapprezenta l-ammont ta' Lm50.00 li x-xhud Deemer Bezzina xehed li ta lill-imputata wara li sarraf ic-cekk tieghu.

Fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2012,[6] sar is-segwenti verbal *"Id-difiza qed tghaddi lill-prosekuzzjoni cekk fl-ammont ta' 1205 Euro, ekwivalenti ghal LM517, liema cekk ma hemmx indikat lil min hu pagabbli peress li l-Ufficjal Prosekutur irid jivverifika min hu ntitolat li jsarraf dan ic-cekk."*

Fl-istess seduta, id-difiza ghalqet il-provi taghha.

Mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ma jirrizultax li l-imputata b'xi mod kellha x'taqsam mat-tlett cekkijiet ta' Vestimoda Limited, li gew allegatament iffalsifikati u gew imsarrfa favur Martin Farrugia.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontiha u cioe talli iffalsifikat il-firma ta' E. Abela u C. Bonnici fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta u talli xjentement ghamlet uzu minnhom, bi ksur tal-Artikolu 183 u 184 tal-Kodici Kriminali.

[5] Ara fol. 84 tal-process.
[6] Ara fol. 86 tal-process.

*It-Tieni Imputazzjoni*

Fit-tieni imputazzjoni, l-imputata hija akkuzata li kisret l-Artikolu 167 u 169 tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 167(1) jippreskrivi hekk: *"Kull min jiffalsifika ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li l-Artikolu 167 u 183 jaqghu taht zewg sub-titoli differenti tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 167 jaqa' taht *"Falsifikazzjoni ta' karta ta' timbri u ta' sigilli"*, fil-waqt li l-Artikolu 183 jaqa' taht *"Fuq il-falsifikazzjoni ta' skritturi ohra pubblici jew privati"*. Jidher li taht l-ewwel subtitolu jidhlu dokumenti tal-Gvern. Bizzejjed jekk wiehed jara dak li hemm fil-margini ta' kull artikolu: Falsifikazzjoni ta' Obbligazzjonijiet tal-Gvern; Uzu ta' Obbligazzjonijiet tal-Gvern; Falsifikazzjoni ta' atti tal-Gvern gudizzjarji jew ufficjali; ta' sigill pubbliku ta' Malta, ta' sigilli, timbri, jew marki ohra tal-Gvern, frankobolli falsifikati ecc.

Fl-Artikolu 167(1) imbaghad il-kliem operattivi huma *"minn ufficju pubbliku"* u *"bank jew stabblilment pubbliku iehor, imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern."* Dan tal-ahhar jista jkun il-Bank Centrali, pero certament mhux bank privat, ghaliex dan huwa diga kopert bir-reat kontemplat fl-Artikolu 183 li jirreferi ghal *"falsifikazzjoni ... ... fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat."*

Fil-kaz odjern, il-falsikfazzjoni u l-uzu tad-dokument falsifikat, saru fi skrittura ta' bank privat – Bank of Valletta – u konsegwentement l-Artikolu 167 ma japplikax ghal kaz odjern. Konsegwentement, il-Qorti se tillibera lill-imputata mit-tieni imputazzjoni.

*It-Tielet Imputazzjoni*

Teknikament l-imputata hija hatja ta' frodi b'eghmil qarrieqi kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, pero l-qliegh illecitu kien ta' €1205 Euro, ekwivalenti ghal LM517.00

Pero l-fatt li ta lok ghal din it-tielet imputazzjoni, u cioe il-falsifikazzjoni tal-firma tad-diretturi tas-socjeta Vestimoda Limited fuq cekkijiet tal-bank, u l-frodi li saret ghad-dannu tal-istess socjeta huwa wiehed uniku, u cioe il-falsikazzjoni tal-firma tal-diretturi tas-socjeta Vestimoda Limited. Ghalhekk jidher li f'dan il-kaz hemm l-elementi kollha li trid il-gurisprudenza biex japplika l-principju tal-assorbiment, meta minn fatt wiehed w uniku johorgu zewg reati w dan stante l-konkors formali ezistenti bejn dawn iz-zewg reati li bihom gie akkuzat l-imputat. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Jacques Cassar** deciza fis-6 ta' Jannar 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[7] irriteniet: *"... l-appellant qed jirreferi ghall-konkors formali jew idejali li, ghalkemm il-ligi taghna ma ssemmiehx espressament, il-Qrati taghna dejjem accettaw u applikaw fil-prattika. Hu ormai principju stabbilit li fejn l-istess fatt, rizultanti mill-istess u l-unika intenzjoni kriminali, jaghti lok ghall-ksur jew vjolazzjoni ta' diversi dispozizzjonijiet tal-ligi, ma jkunx hemm diversi reati distinti minn xulxin izda biss reat wiehed , bir-reati minuri assorbiti fir-reat aktar gravi. (Ara Appelli Kriminali : "Camilleri vs. Cilia et." [2.12.1839]; "Il-Pulizija vs. Cachia" [10.12.1939]; "Il-Pulizija vs. Pace" [28.1.1939] u ohrajn.)*[8]

Konsegwentement, l-imputata ghandha twiegeb ghar-reat l-iktar gravi u cioe dak ta' uzu ta' cekkijiet falsifikati kontemplat fl-ewwel imputazzjoni, u ghalhekk qed tigi liberata mir-reat ta' frodi kontemplat fit-tielet imputazzjoni.

*Ir-Raba' Imputazzjoni*

Ir-raba' imputazzjoni hija li l-imputata serqet chequebook tal-Bank of Valletta mahrug lil Vestimoda Limited. L-imputata qatt ma ammettiet li serqet dan ic-chequebook, imma li c-cekkijiet inghataw lilha minghand terza persuna. Huwa vera li x-xhud Deemer Bezzina xehed

---

[7] *Per* Imhallef Dott. Joseph Galea Debono.
[8] Ara wkoll fl-istess sens **Il-Pulizija vs. Emanuel Tabone** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri (*per* Imhallef Dott. Vincent De Gaetano) fis-26 ta' Awwissu 1998.

li l-imputata qaltlu li ghandha chequebook, pero huwa qatt ma jghid li ra dan ic-chequebook f'idejn l-imputata, u meta mistoqsi mill-Qorti jekk l-imputata tatu c-cekk mic-chequebook, hu jghid li c-cekk hargitu mill-but u kien wahdu.

F'dan l-istat tal-provi, il-Qorti tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova din l-imputazzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, u ghalhekk se tillibera lill-imputata mir-raba' imbutazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghalkemm l-imputata eventwalment ammettiet l-involviment taghha fil-falsifikazzjoni ta' uhud mic-cekkijiet in kwistjoni, dan ghamlitu, wara tlett snin li kienu nbdew il-proceduri u dak in-nhar stess li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi. Ghaldaqstant ma tistax tibbenefika minn riduzzjoni fil-piena minhabba ammissjoni bikrija, stante li xorta hliet ir-rizorsi tal-Prosekuzzjoni u tal-Qorti.

Il-falsifikazzjoni tac-cekkijiet in kwistjoni mill-imputata bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali serva bhala mezz ghal fini sabiex hi tkun tista' tuzuhom biex issarrafhom il-Bank, kif fil-fatt ghamlet fil-kaz ta' erba' minhhom, bi ksur tal-Artikolu 184. Ghalhekk huwa applikabbli l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali u ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi. F'dan il-kaz, il-piena ghaz-zewg reati hija l-istess u cioe il-piena ta' priġunerija minn tlettax(13) -il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

Il-qliegh illecitu li l-imputata ghamlet bl-uzu tac-cekkijiet falsifikati, u billi hadet "commission" minn fuq tisrif ta' cekk falsifikat kien ta' €1205 Euro, ekwivalenti ghal LM517.00 – li mhux ammont sostanzjali. Inoltre, l-imputata hallset dan l-ammont lill-parti leza.

Pero, ghalkemm meta tressqet fuq dawn il-proceduri, l-imputata kellha fedina penali netta, mill-fedina penali aggornata taghha, jirrizulta li wara li kkomettiet ir-reati in kwistjoni izda qabel ma nbdew dawn il-proceduri, l-imputata ghamlet uzu minn quickcash u cashlink card iffalsifikati u serqet ammont ta' aktar minn LM10.00 izda inqas minn LM100.00. Pero ma jidhirx li regghet xelfet difrejha iktar mal-gustizzja.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tavvicina l-minimu stabbilit mil-ligi, u li piena karcerarja effettiva mhix idonea f'dan il-kaz.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, filwaqt li ssib lill-imputata mhux hatja tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u qieghda tilliberaha minnhom, wara li rat l-Artikoli 183, 184 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra taghha, u tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' sittax (16)-il xahar, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikoli 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li tonqos milli tosservaha, u cioe f'kaz li tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

**Magistrat**

**Alan Zerafa**
**Deputat Registratur**